# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn tmienja (8) ta' April 2019**

**Rikors Numru 269/18 FDP**

**Philip Agius & Sons Limited**
**(C-35991)**

**vs**

**Justin Attard (ID 176886M)**
**u**
**LBV Limited (C-72674)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Novembru 2018 fejn s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti

> *Thallsu, in solidum bejnietkhom, l-ammont ta' tlettax-il elf, tmien mija u zewgt euro u tlieta u tletin centezmu (€ 13,802.33) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnkhom lis-socjeta attriċi, Philip Agius & Sons Limited (C-35991), ghal concrete elements mibjugha u kkonsenjati lilkhom fuq inkariku taghkhom stess, u dana skond ma jirrizulta mill-istatement u mill-fatturi hawn annessi.*
>
> *Bl-ispejjez, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 20 ta' April 2018, u bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, in solidum bejniethom, li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni tagħhom.*

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lill-intimati permezz ta' affissjoni fl-indirizz ta' l-intimati, fil-Kunsill Lokali Birkirkara u l-Ghassa Birkirkara fil-5 ta' Marzu 2019 (fol 16 tergo), fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Marzu 2019 (fol 25) u fil-gurnal lokali l-Orizzont tat-18 ta' Marzu 2019 (fol 35).

Rat illi fl-1 ta' April 2019, l-intimati msejjhin diversi drabi ma dehrux, ghalkemm debitament notifikati, u s-socjeta' rikorrenti ippresentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta (fol 37).

Rat illi fis-seduta ta' llum 8 ta' April 2019, deher l-intimat Justin Attard, f'ismu u ghas-socjeta' LBV Limited, fejn, filwaqt illi, ghan-nom tas-socjeta' LBV Limited, ammetta t-talba attrici kif dedotta u ppresenta Nota ta' Ammissjoni, ikkontestaha fejn tirrigwarda t-talba attrici fil-konfront tieghu personalment.

Rat illi, in vista ta' tali Nota ta' Ammissjoni, is-socjeta' rikorrenti ppresentat nota illi biha cediet l-atti fil-konfront ta' Justin Attard personalment filwaqt illi zammithom ferm fil-konfront tas-socjeta' LBV Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat in-Nota ta' Ammissjoni tas-socjeta' LBV Limited ppresentata illum stess.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici limitatament kif gej w tikkundanna lis-socjeta intimata LBV Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma komplessiva ta' **tlettax-il elf, tmien mija u zewgt euro u tlieta u tletin centezmu (€ 13,802.33)** ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.

**Spejjez, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 20 ta' April 2018, salv ghal dawk ta' Justin Attard personalment, illi ghandom jibqghu a spejjez tas-socjeta' rikorrenti, u**

**Imghax mill-1 ta' Settembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata LBV Limited.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**